FIT-TRIBUNAL GHAL-TALBIET ZGHAR
(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Hamis 28 ta' Jannar 2016

Avviz Numru:- 15/2015KM

J. Zammit Limited (C 37945)

Vs

Mariosa Chircop

**It-Tribunal-:**

Ra l-avviz prezentat mill-kumpanija attrici fid-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu talbet il-hlas fis-somma ta' elfejn u sitta u disghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€2,096.61) oltre' l-interessi mid-data tas-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuta lis-socjeta' attrici ghax-xiri (higher purchase) maghmul minnha tal-vettura tal-ghamla Peugeot 407 bin-numru ta' registrazzjoni LCQ 563. Dan bl-ispejjez kollha kif mitlub fl-istess avviz.

Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz taghha in linea preliminari eccepiet in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal ghaliex kif jirrizulta anke' mill-eccezzjonijiet it-talba attrici tmur lil hinn minn semplici money claim u tinvolvi ezami ta' kwistjonijiet li

jesorbitaw il-kompetenza tat-Tribunal. Fit-tieni lok gie eccepit illi l-forum conveniens huwa dak f'Malta. Fit-tielet lok gie eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt. Illi fir-raba' lok gie eccepiet illi l-ftehim ta' higher purchase gie rexiss u terminat f'Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) meta s-socjeta attrici hadet il-vettura de quo lura minghand il-konvenuta bi qbil bejn il-partijiet u minghajr ebda riserva dwar xi ammonti ulterjuri. Eccepiet ukoll illi dan ma sehhx minhabba xi nuqqasijiet tal-konvenuta izda ghal-nuqqasijiet serji fil-vettura kkonsenjata. Finalment gie eccepiet illi kwantu l-kumpanija attrici qed tibbaza ruha fuq l-iskrittura tas-sebgha u ghoxrin (27) t'Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) dan ukoll huwa infondat fid-dritt u fil-fatt ghaliex l-iskrittura qatt ma giet iffirmata mill-eccipjenti.

Sema l-provi kollha.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra s-sentenza preliminari tieghu tat-12 ta' Novembru 2015 li permezz taghha giet deciza u michuda l-ewwel eccezzjoni konvenuta.

Ra d-digriet tieghu tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghas-seduta tal-lum.

Ikkonsidra

Illi minkejja li prezentat risposta tramite l-avukat taghha l-konvenuta qatt ma dehret personalment quddiem dan it-Tribunal fid-diversi udjenzi li kien hemm. L-anqas qatt produciet xi provi. Ghal kuntarju l-verbali ta' l-avukati taghha stess ma tantx jitfghu dawl tajjeb fuq l-interess tal-konvenuta f'din il-kawza (Ara verbali a fol 22 u 23). Ghalhekk l-uniku provi li sema dan it-Tribunal kienu dawk imressqa mill-kumpanija attrici.

L-ewwel eccezzjoni gia giet disposta b'sentenza preliminari. It-tieni eccezzjoni hija dik tal-foro konvenjenti. B'digriet tat-12 ta' Novembru 2015 dan it-Tribunal ordna l-prosegwiment tal-kawza f'dan il-foro. Mill-provi mressqa quddiemu dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn qatt seta' kellu xi raguni ghalfejn jibghat din il-kawza quddiem is-sede tat-Tribunal f'Malta. L-indirizz tal-konvenuta huwa Ghawdex u ghalhekk ma jistax ikun aktar konvenjenti ghal konvenuta li l-kawza taghha tinstema f'Ghawdex. Il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova biex tikkonvinci lit-Tribunal ghal kuntrarju, fic-cirkostanzi din l-eccezzjoni qed tigi michuda definittivament.

Fil-mertu jirrizulta car minn dak li xehed ir-rapprezentant tal-kumpanija attrici illi l-konvenuta kellha biss diffikultajiet finanzjarji biex thallas il-vettura u ma zammitx ma dak mifthem tant illi eventwalment kellha thassar il-bejgh u tirritorna l-vettura lura. Sar ftehim skritt fejn l-konvenuta obbligat ruhha li thallas lil kumpanija attrici elfejn ewro (€2,000) minhabba li l-vettura meta gietx ritornata, giet valutata anqas anke minhabba xi hsarat li kellha.

Il-konvenuta teccepixxi illi l-iskrittura ma hix iffirmata. L-iskrittura esebita hija debitament iffirmata minn Mariosa Chircop. Huwa minnu illi fl-ewwel skrittura esebita r-rapprezentant tal-kumpanija attrici ma jidirhx li iffirma. Izda l-ftehim xorta jorbot lil min iffirmah anke jekk unilateralment. Dan qed jinghad biss gratia argomendi ghaliex effettivament fix-xhieda tieghu James Zammit esebixxa l-iskrittura iffirmata minn kulhadd.

Fic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta' provi min naha tal-konvenuta in sostenn ta' l-eccezzjonijiet taghha, dan it-Tribunal ihoss illi it-talba attrici hija pruvata u ghandha tintlaqa.

Dwar l-imghaxijiet dan it-Tribunal hu tal-fehma li dawn ghandhom jiddekorru mid-data ta' l-ittra ufficcjali, u ghalhekk qed inaqqas l-imghaxijiet li gew mizjuda u kapitalizzati mas-sorte.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eeccezzjonijiet kollha tal-konvenuta jilqa it-talbiet attrici, jikkundanna lil konvenuta thallas lil attrici is-somma ta' elfejn Ewro (€2000) bl-imghax mis-17 ta' Marzu 2015. L-ispejjes kollha kif mitluba jkunu a karigu tal-konvenuta.

**Dr. Kevin Mompalao**
**Gudikatur**

**Diane Farrugia**
**D/Registratur**